MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2010

Numru 764/2009

Il-Pulizija
(Spettur Trevor Micallef)

vs

Carmel Galea

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta' karta ta' identita' numru 776651M, akkuzat talli:

1. fil-5 ta' Novembru 2001 u/jew matul is-snin/xhur precedenti bhala proprjetarju u/jew amministratur tal-fond 107, 'Tac-Cakra', Triq il-Ghajn, Swieqi, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, kisser il-gumni tas-servizz elettriku u cioè tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollu l'uzu jew konsum elettriku jew il

bihom seta jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker fl-istess meter tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata kkommetta serq ta' kurrent elettriku liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin, u ammont u dan ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.
2. matul l'istess perjodu kkaguna hsara volontarja fl-istess meter tad-dawl.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tapplika l-piena skond il-ligi tapplika wkoll il-provvedimenti li hemm fl-Art 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Permezz ta' verbal registrat fl-udjenza tat-18 ta' Frar 2010 in segwitu ghall-ittra tal-istess Korporazzjoni tat-18 ta' Jannar 2010 (esebita) l-Korporazzjoni irtirat bla riservi l-kwerela u irrinunzjat ghal kull azzjoni kriminali.

In vista tal-akkuza l-Qorti tiddikjara procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------